



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 31.10.2006
KUMM(2006) 656 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-ħatra ta' Koordinatur Speċjali tal-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk ta' l-Ewropa

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk ta' l-Ewropa (PS) hu qafas ta' politika reġjonali mwaqqaf mill-komunità internazzjonali f'Kolonja fl-10 ta' Ġunju 1999 sabiex jappoġġja pajjiżi f'dak ir-reġjun fl-isforzi tagħhom biex irawmu l-paċi, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-prosperità ekonomika, u biex tinkiseb stabbiltà fir-reġjun b'mod ġenerali. Il-Paragrafu 13 tal-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk ta' l-Ewropa jistipula li l-Patt ta' Stabbiltà se jkollu Koordinatur Speċjali maħtur mill-Unjoni Ewropea, wara konsultazzjoni mal-President ta' l-OSCE fil-Kariga u parteċipanti oħra, u approvat mill-President ta' l-OSCE fil-Kariga.

Wara r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1080/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 dwar l-appoġġ għall-Missjoni Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo (UNMIK) u għall-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli fil-Bosnija u Herżegovina (OHR) u l-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk ta' l-Ewropa (PS), il-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, jaħtar Koordinatur Speċjali għall-Patt ta' Stabbiltà fuq bażi annwali.

Għalhekk qed issir proposta li l-Kunsill jadotta, qabel il-31 ta' Diċembru 2006, deċiżjoni dwar il-ħatra ta' Koordinatur Speċjali, li tapplika mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007.

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-President ta' l-OSCE fil-Kariga u lil parteċipanti oħra fil-Patt ta' Stabbiltà u tipproponi li l-Kunsill jaħtar mill-ġdid lil Dr Erhard Busek bħala Koordinatur Speċjali tal-Patt ta' Stabbiltà. Il-mandat tal-Koordinatur Speċjali tfassal minn dak stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (KE) Nru 2005/912 tat-12 ta' Diċembru 2005 dwar il-ħatra ta' Koordinatur Speċjali tal-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk ta' l-Ewropa għas-sena 2006. Flimkien mal-konklużjonijiet tal-Mejda Reġjonali tal-Patt ta' Stabbiltà li, fit-30 ta' Mejju 2006 f'Belgrad, approva pjan ta' tranżizzjoni għall-pussess reġjonali u f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2006, il-mandat għandu jagħmel enfasi speċjali fuq it-tranżazzjoni maqbula għall-pussess reġjonali u l-koordinazzjoni meħtieġa għall-Proċess ta' Kooperazzjoni fix-Xlokk ta' l-Ewropa.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-ħatra ta' Koordinatur Speċjali tal-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk ta' l-Ewropa

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1080/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 dwar l-appoġġ għall-Missjoni Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo (UNMIK) u għall-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli fil-Bosnja u l-Herzegovina (OHR) u l-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk ta' l-Ewropa (PS)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni²,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Ġunju 1999 il-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, flimkien mal-parteciċipanti fil-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk ta' l-Ewropa, qablu li jwaqqfu Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk ta' l-Ewropa, minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Patt ta' Stabbiltà'.
- (2) L-Artikolu 1a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1080/2000 jipprovdi għall-Koordinatur Speċjali tal-Patt ta' Stabbiltà li jinħatar fuq bażi annwali.
- (3) Jeħtieġ li jkun stabbilit, flimkien mal-ħatra, mandat għall-Koordinatur Speċjali. L-esperjenza wriet li l-mandat stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (KE) Nru 2005/912 tat-12 ta' Diċembru 2005 dwar il-ħatra ta' Koordinatur Speċjali tal-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk ta' l-Ewropa³ għall-2006 hu adatt. Flimkien mal-konklużjonijiet tal-Mejda Reġjonali tal-Patt ta' Stabbiltà li, fit-30 ta' Mejju 2006 f'Belgrad, approva pjan ta' tranżizzjoni għall-pussess reġjonali u f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2006, il-mandat għandu jagħmel enfasi speċjali fuq din it-tranżizzjoni.
- (4) Hu adatt li jkunu stabbiliti linji ċari tar-responsabbiltà kif ukoll gwida dwar il-koordinazzjoni u r-rappurtaġġ,

¹ ĠU L 122, 24.5.2000, p. 27 Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2098/2003 tat-27 ta' Novembru 2003 (ĠU L 316, 29.11.2003, p.1).

² ĠU C [...] [...], p. [...]

³ ĠU L 331, tas-17.12.2005, p.32.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dr Erhard BUSEK b'dan jinġatar Koordinatur Speċjali tal-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk ta' l-Ewropa.

Artikolu 2

Il-Koordinatur Speċjali għandu jwettaq il-funzjonijiet li hu provdut għalihom f'punt 13 tad-dokument tal-Patt ta' Stabbiltà ta' l-10 ta' Ġunju 1999.

Artikolu 3

Sabiex jinkiseb l-għan imsemmi fl-Artikolu 2, il-mandat tal-Koordinatur Speċjali għandu jkun li:

- (a) jippromwovi l-kisba ta' l-għanijiet tal-Patt, fi ħdan, u bejn il-pajjiżi individwali u fejn il-Patt juri li għandu valur miżjud;
- (b) jippresjedi il-Mejda Reġjonali tax-Xlokk ta' l-Ewropa;
- (ċ) iżomm kuntatt mill-qrib mal-parteċipanti kollha u Stati, organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà, kif ukoll inizjattivi rilevanti reġjonali u organizzazzjonijiet, bil-għan li titrawwem kooperazzjoni reġjonali u titkabbar il-proprietà reġjonali;
- (d) jikkoopera mill-viċin ma' l-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha sabiex jippromwovi s-sehem ta' l-Unjoni Ewropea fil-Patt skond il-punti 18, 19, 20 tad-dokument tal-Patt ta' Stabbiltà u jiżgura kumplimentarjetà bejn ix-xogħol tal-Patt ta' Stabbiltà u l-Proċess ta' Stabbiltà u Assoċjazzjoni;
- (e) jiltaqa' perjodikament u b'mod kollettiv kif xieraq mal-Presidenti ta' l-Imwejjed ta' Ħidma, biex jiżgura koordinazzjoni strateġika ġenerali u jaġixxi bħala segretarjat tal-Mejda Reġjonali tax-Xlokk ta' l-Ewropa u l-istrumenti tagħha;
- (f) jaħdem fuq il-bażi ta' lista, li jkun hemm qbil dwarha minn qabel u b'konsultazzjoni mal-parteċipanti fil-Patt ta' Stabbiltà, ta' azzjonijiet ta' prijorità għall-Patt ta' Stabbiltà biex ikunu implimentati matul l-2007, u jaġġusta l-metodi ta' xogħol u l-istrutturi tal-Patt ta' Stabbiltà għal bżonnijiet tat-tranżizzjoni tal-pussess reġjonali, biex tkun żgurata l-konsistenza u l-użu effiċjenti tar-riżorsi.
- (g) jiffaċilita l-implimentazzjoni tat-tranżizzjoni għall-pussess reġjonali skond il-konklużjonijiet tal-Mejda Reġjonali fit-30 ta' Mejju 2006 u għal dan l-iskop jaħdem mill-qrib mal-Proċess ta' Kooperazzjoni tax-Xlokk ta' l-Ewropa u mas-Segretarju Ġenerali tiegħu meta jinġatar; għandha tingħata attenzjoni partikulari għat-twaqqif tal-kunsill ta' Kooperazzjoni Reġjonali u tas-segretarjat tal-kooperazzjoni reġjonali kif ukoll dwar ir-razzjonalizzazzjoni tat-Task Forces varji u inizjattivi tal-Patt ta' Stabbiltà.

Artikolu 4

Il-Koordinatur Speċjali għandu jikkonkludi ftehim finanzjarju mal-Kummissjoni.

Artikolu 5

L-attivitajiet tal-Koordinatur Speċjali għandhom ikunu kkoordinati ma' ta' dawk tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill/ir-Rappreżentant Għoli għall-PESK, il-President tal-Kunsill u l-Kummissjoni, notevolment fil-qafas tal-Kumitat Konsultattiv Informali. Fil-qasam, għandha tinżamm kooperazzjoni mill-qrib mal-Presidenza tal-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Kapijiet tal-Missjoni ta' l-Istati Membri, ir-Rappreżentanti Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll ma' l-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli fil-Bosnija u Herzegovina u l-Amministrazzjoni Ċivili tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo.

Artikolu 6

Il-Koordinatur Speċjali għandu jirrapporta, kif xieraq, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. Huwa għandu jkompli jinforma regolarment lill-Parlament Ewropew bl-attivitajiet tiegħu.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*